Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Frar 2016

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-ħolqien, mogħti lilna b'rigal, nieħdu ħsiebu għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet ta' warajna.**

## Ninġabar:

Nagħlaq għajnejja u nimmaġina lili nnifsi fil-kampanja qalb ħafna siġar u fjuri, għasafar ipespsu, weraq jiċċaqalqu maż-żiffa tar-riħ. Insir konxju tal-kalma ta' ferħ li ġġib fija din ix-xena. Nirringrazzja 'l Alla tar-rigal sabiħ tan-natura...

## Fatt ċkejken:




Il-familja taċ-ċkejna Allison u l-antenati tagħha ilhom jgħixu flimkien mal-karibú fl-Alaska għal xi 10,000 sena. Il-karibú jgħixu fl-inħawi l-aktar kiesħa tad-dinja u jivvjaġġaw f'merħliet kbar. Ta' kuljum, minn ġenerazzjoni għall-oħra, il-familji fir-raħal ta' Allison dejjem kielu l-laħam tal-karibú. Mill-partijiet l-oħra tal-ġisem tal-karibú jagħmlu l-ħwejjeġ u anke għodda għax-xogħol.

Fir-rebbiegħa, il-karibú jħallu l-mergħat li kienu fihom fix-xitwa u jitilgħu fil-punent, fil-pjanura kostali, żona kbira ħafna u ċatta, biex hemm iwelldu t-trabi tagħhom. F'din il-pjanura l-ommijiet jaraw fil-bogħod u għalhekk jistgħu jilmħu hemmx orsijiet lesti biex jaqbdu t-trabi. U billi l-art ċatta, dejjem hemm żiffa qawwija li tkeċċi n-nemus mill-karibú. Hemmhekk isibu wkoll l-ħxejjex meħtieġa li jżommuhom f'saħħithom. Meta mbagħad jikbru l-għoġġiela jieħdu t-triq lura lejn in-nofsinhar tal-pajjiż fejn iqattgħu x-xitwa.

Hekk kif il-karibú, fir-rebbiegħa jew fil-ħarifa jgħaddu mill-viċin, Allison u r-raħal kollu jmorru jilqgħuhom. Xi raħħala jmorru għall-kaċċa, waqt li oħrajn jieħdu ħsieb tal-ikel jew jgħassu fuq il-kamp. Jeħtieġ li meta jerġgħu lura lejn djarhom jieħdu magħhom laħam biżżejjed biex jitimgħu l-familja tul is-sena kollha.

Iżda minn ftit taż-żmien 'l hawn, kollox inqaleb ta' taħt fuq. Dan għaliex il-kumpaniji taż-żejt li diġà ħaffru fid-dawra kollha tal-kosta tal-Alaska, issa bdew jistabilixxu ruħhom fil-post fejn il-karibú jwelldu. In-nies tar-raħal ta' Allison qatt ma tmur għall-kaċċa tal-karibú fuq il-kosta fejn iwelldu. Anki jekk ikunu bil-ġuħ. Iżda l-kumpaniji taż-żejt jimpurtahom biss li għandhom post ieħor fejn iħaffru.

Allison, bħal kulħadd, inkwetata li dan l-aġir ser jagħmel ħsara kbira lill-karibú. Għax jekk dawn ikollhom iwelldu x'imkien ieħor mhux se jkunu aktar protetti mill-orsijiet. U meta jonqos in-numru tal-karibú x'se jieklu r-raħal ta' Allison? Ma jistgħux jimmaġinaw ħajjithom mingħajr il-karibú.

## Naħseb ftit:

Kif tolqotni din l-istorja? X'nitgħallem minnha?

Kemm lest nimpenja ruħi biex ma ssirx ħsara lill-ambjent? Nifhem li b'hekk qed nagħti servizz lil uliedna u lil ulied uliedna?

## Nitlob:

Dawlilna moħħna Mulej biex nieħdu ħsieb tal-ħolqien li tajtna bħala rigal. Agħtina l-għerf biex nifhmu li meta ngerfxu l-ordni tan-natura nagħmlu ħsara lill-bnedmin ħutna u noħolqu faqar ġdid.

## Kliem ta' dawl:

"Mulejja, tkun imfaħħar f'oħtna u omnna l-Art, għax minnha l-għajxien u hi tmexxina, u tagħti frott ta' kull bixra, ward bi lwien u ħxejjex". (S. Franġisk t'Assisi)

## X'nista' nagħmel:

Xi darba matul dan ix-xahar, immur x'imkien fil-kampanja biex ingawdi b'rispett kbir is-sbuħija tan-natura. Hawnhekk niftakar kif post bħal dan iqawwi qalb kulħadd.